



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0183/2012

5.6.2012

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-aspetti kummerċjali tas-Sħubija tal-Lvant
(2011/2306(INI))

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Rapporteur: Miloslav Ransdorf

RR\904212MT.doc

PE483.489v02-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW3

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT15

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-aspetti kummerċjali tas-Sħubija tal-Lvant

(2011/2306(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra n-negozjati li għadhom għaddejnin dwar il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukraina, l-UE u l-Moldova, l-UE u l-Ġeorġja, l-UE u l-Armenja u bejn l-UE u l-Azerbajġan, li se jinkludu elementi ta' kummerċ sostanzjali,
- wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Jannar 2007 li adotta d-direttivi ta' negozjar għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukraina li jinkludi Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva,
- wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2010 li adotta l-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Armenja u bejn l-UE u l-Ġeorġja, li kull wieħed minnhom jinkludi Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva,
- wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Ġunju 2009 li adotta d-direttivi ta' negozjar għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Moldova u wara li kkunsidra d-direttivi ta' negozjar iddettaljati addizzjonali dwar iż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva, adottati mill-Kunsill fl-20 ta' Ġunju 2011,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2010 li adotta d-direttivi ta' negozjar għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Azerbajġan
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni konkluż mill-Komunità Ewropea ma' dik li dak iż-żmien kienet l-Unjoni Sovjetika fl-1989 u sussegwentement approvat mill-Bjelorussja,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-25 ta' Mejju 2011 dwar Risposti ġodda għal Viċinat fi trasformazzjoni (COM(2011)0303),
- wara li kkunsidra l-iżvilupp tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) mill-2004 'il quddiem, u b'mod partikolari r-rapporti ta' progress tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tagħha
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tiegħu għan-negozjar ta' Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni mal-Moldova, il-Ġeorġja, l-Armenja u l-Azerbajġan,
- wara li kkunsidra l-Pjanijiet ta' Azzjoni adottati b'mod konġunt mal-Armenja, l-Azerbajġan, il-Ġeorġja u l-Moldova u wara li kkunsidra l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni mal-Ukraina,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjonijiet Konġunti tas-Samit tas-Sħubija tal-Lvant fi Praga tas-7 ta' Mejju 2009 u tas-Samit tas-Sħubija tal-Lvant f'Varsavja tad-29 u t-30 ta'

Settembru 2011,

- wara li kkunsidra l-ħolqien tal-Assemblea Parlamentari EURONEST mill-Att Kostitwenti tiegħu tat-3 ta' Mejju 2011,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0183/2012),
- A. billi l-konklużjoni u l-implimentazzjoni ta' Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni inklużi ż-Żoni ta' Kummerċ Fieles Approfonditi u Komprensivi (ŻKHAK) huma għan u ambizzjoni ta' prijorità tal-Politika Ewropea tal-Viċinat rieżaminata rigward is-Sħab tal-Lvant;
- B. Billi erbgħa mis-sitt pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant huma diġà membri tad-WTO, bil-gvernijiet tal-Azerbajġan u tal-Bjelorussja li għandhom biss status ta' osservatur;
- C. billi, wara l-movimenti rivoluzzjonarji li seħħew fl-2011 fil-viċinanzi tan-Nofsinhar tal-UE, li issa huma magħrufa bħala r-Rebbiegħa Għarbija, l-interess tal-UE ġie ffukat fuq il-ġirien tan-Nofsinhar; billi l-pajjiżi li jappartjenu lis-Sħubija tal-Lvant u r-relazzjonijiet kummerċjali li l-UE għandha magħhom jixirqilhom l-attenzjoni tal-UE;
- D. billi l-preżenza ekonomika taċ-Ċina fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant qed tkompli tikber;
- E. billi n-negozjati taż-ŻKHAK mal-Ukraina ġew kompluti f'Ottubru 2011; billi ż-ŻKHAK se tidħol fis-seħħ biss wara l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukraina, li bħalissa hu imblukkat minħabba li l-UE mhix kuntenta bl-iżviluppi politiċi interni fl-Ukraina u bil-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja tagħha;
- F. billi n-negozjati taż-ŻKHAK mal-Ġeorġja u mal-Moldova ġew approvati mill-Kunsill f'Diċembru 2011 u l-ewwel rawnds ta' negozjati għandhom isiru fir-Rebbiegħa tal-2012;
- G. billi fl-2011 l-Armenja għamlet progress sinifikanti lejn is-sodisfar tar-rakkomandazzjonijiet ewlenin, u n-negozjati taż-ŻKHAK bejn l-UE u l-Armenja ġew varati fi Frar 2012 u bdew fis-6 ta' Marzu, 2012;
- H. billi l-proċess tal-adeżjoni tal-Azerbajġan fid-WTO ilu għaddej mill-1997 iżda l-progress f'dan ir-rigward kien limitat, sitwazzjoni li hi waħda mill-ostakoli ewlenin għall-varar ta' negozjati taż-ŻKHAK mal-UE;
- I. billi l-Bjelorussja s'issa pparteċipat biss b'mod limitat fil-pjattaformi differenti tas-Sħubija tal-Lvant; billi din is-sitwazzjoni tipperikola is-sodisfar tal-għan aħħari tas-Sħubija tal-Lvant, li hu d-demokrazija msaħħa, il-progress, l-istabilità u l-prosperità fil-viċinanzi tal-Lvant tal-UE; jinnota d-dinamika ekonomika tal-ispazju ekonomiku ġdid li jikkonsisti fir-Russja, il-Kazakstan u l-Bjelorussja u jinkoraġġixxi lill-membri tiegħu jwettqu l-attivitajiet kummerċjali tagħhom f'konformità ma' regoli kummerċjali li huma aċċettati internazzjonalment, jiġifieri dawk li joriġinaw mid-WTO;

- J. billi s-Sħab tal-Lvant tal-UE kollha, li huma l-istati li kienu jiffurmaw l-Unjoni Sovjetika, għandhom l-istess sfond storiku u istituzzjonali u ffaċċjaw sfidi simili fit-transizzjoni politika u ekonomika tagħhom matul dawn l-aħħar għoxrin sena;

Kunsiderazzjonijiet ġenerali

1. Jenfasizza li l-prospett li jinħolqu ŻKHAK mal-UE huwa waħda mill-inċentivi ewlenin għall-pajjiżi sħab biex isegwu l-isforzi ta' riforma tagħhom; iqis il-ħolqien taż-ŻKHAK bħala waħda mill-għodod l-aktar ambizzjużi tal-politika kummerċjali bilaterali tal-UE biex jinkiseb ambjent ekonomiku stabbli, trasparenti u prevedibbli li jkun jirrispetta d-demokrazija, id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt, li tkun tipprovdi mhux biss għal integrazzjoni ekonomika akbar permezz tat-tneħħija gradwali tal-ostakoli għall-kummerċ imma wkoll għall-konverġenza regolatorja f'oqsma li għandhom impatt fuq il-kummerċ tal-beni u s-servizzi, b'mod partikolari billi jiġi msaħħa il-ħarsien tal-investment, jiġu ssemplifikati l-proċeduri doganali u tal-fruntieri, jitnaqqsu l-ostakoli tekniċi u ostakoli mhux tariffarji oħra għall-kummerċ, jiġu msaħħa r-regoli sanitarji u fitosanitarji, jittejjeb il-benesseri tal-annimali, jissaħħu l-oqfsa ġuridiċi għall-kompetizzjoni u l-akkwist pubbliku u jiġi żgurat l-iżvilupp sostenibbli. hu tal-fehma li l-konklużjoni taż-ŻKHAK hi fundamentali fil-għlieda kontra tendenzi lejn protezzjoniżmu fuq livell globali;
2. Jagħraf li ż-ŻKHAK jipprovdu lill-UE strument kummerċjali vitali għall-bini ta' relazzjonijiet ekonomiċi fit-tul ma' pajjiżi terzi; jirrikonoxxi l-impatt taż-ŻKHAK fuq il-funzjonament sħiħ tal-pajjiżi sħab kummerċjali tal-UE li jmur bil-wisq lil hinn minn kwestjonijiet purament kummerċjali, li jinfluwenza wkoll l-istat tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u standards komuni oħra;
3. Jenfasizza li l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet biex tiġi vvalutata l-preparatezza tas-sħab potenzjali tal-UE biex jidħlu f'negozjati kummerċjali għandu jkun ħieles minn preġudizzji politiċi u għandu, fil-biċċa l-kbira, jiddependi fuq il-kapaċità reali li għandu s-sieħeb kummerċjali biex jimplementa b'mod effikaċi l-kundizzjonijiet taż-ŻKHAK;
4. Jirrikonoxxi l-fatt li ż-ŻKHAK jistgħu jkunu komponent ewlieni ta' ftehim politiku usa' (Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni); jenfasizza, madankollu, li fil-każijiet fejn mhuwiex possibbli jew rakkomandabbli li jiġi konkluż Ftehim ta' Assoċjazzjoni (FA) ma' pajjiż terz partikolari, ftehim ta' kummerċ adegwat (jiġifieri fis-sura ta' ŻKHAK) għandu jiġi kkunsidrat, sabiex jiġu segwiti f'mod effiċjenti l-għanijiet ekonomiċi u kummerċjali tal-UE;
5. Jenfasizza l-importanza tal-Programm Komprensiv ta' Bini ta' Istituzzjonijiet, l-istrument ta' Assistenza Teknika u Skambju ta' Informazzjoni (TAIEX) u programmi ta' ġemellaġġi sabiex is-Sħab tal-Lvant jiġu mgħejjuna jissodisfaw ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin kif ukoll sabiex itejbu l-kapaċità tagħhom ta' implementazzjoni;
6. Jagħraf il-fatt li integrazzjoni kummerċjali akbar, bit-tibdiliet profondi fl-istrutturi ekonomiċi li teħtieġ, titlob sforzi sinifikanti kemm fuq perjodu qasir u kemm fit-tul mis-Sħab tagħna tal-Lvant, jinsab konvint madankollu, li fil-ġejjieni 'l bogħod, il-benefiċċji ta' tali integrazzjoni se jikkompensaw għal dawk l-isforzi; jenfasizza li l-appoġġ u l-involviment tas-soċjetà ċivili lokali u tal-NGOs internazzjonali fil-promozzjoni tal-benefiċċji fuq perijodu twil hu essenzjali għas-suċċess tal-proċessi ta' riforma tagħhom;

7. Jinsab favur it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-UE u s-Sħab tal-Lvant tagħha f'għadd ta' setturi, b'mod partikolari l-industrija, l-SMEs, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, l-ICT u t-turiżmu;
8. Jikkunsidra li d-divrenzjar akkumpanjat minn applikazzjoni tal-prinċipju 'aktar għal aktar' kif iddeskrivit fil-qosor fil-Komunikazzjoni Konġunta imsemmi hawn fuq dwar 'Risposti ġodda għal Viċinat fi trasformazzjoni' huwa pass fid-direzzjoni t-tajba fir-relazzjonijiet ta' kummerċ mas-Sħab tal-Lvant, u jirrikonoxxi l-isforzi ta' dawk li jagħmlu l-aktar progress filwaqt li jinċentiva oħrajn biex jagħmlu aktar sforzi; jikkunsidra li l-kummerċ għandu jkun faċilitatur tal-bidla u jenfasizza l-importanza tal-klawżoli tal-kondizjonalità u l-infurzar sussegwenti tagħhom;
9. Jinsab konvint li l-integrazzjoni ekonomika tas-Sħab tal-Lvant mal-UE ma tistax titwettaq b'mod effiċjenti mingħajr riformi politiċi u soċjali, il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u l-integrazzjoni ekonomika fost is-Sħab tal-Lvant infushom; jenfasizza li l-integrazzjoni ekonomika fost dawn il-pajjiżi għandha tkun miftuħa, ħalli tikkapitalizza mill-benefiċċji tagħha; jiddispjaċih f'dan ir-rigward li l-konflitti reġjonali ffriżati kien ilhom ħafna snin jagħmlu ħsara lill-effikaċja u lill-iżvilupp tal-kummerċ transkonfinali u għadhom jikkawżaw telfiet ekonomiċi enormi lil xi wħud mis-Sħab tal-Lvant u jwasslu għall-iżolament ekonomiku tagħhom;
10. Jikkunsidra li hu importanti li l-UE toffri lis-sħab kollha taż-ŻKHAK il-flessibbiltajiet li huma intitolati għalihom taħt ir-regoli tad-WTO;
11. Jenfasizza l-importanza tal-prevenzjoni tal-kunflitti permezz ta' koeżjoni ekonomika u soċjali;
12. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti, b'mod partikolari, flessibbiltajiet li jipromwovu l-iżvilupp ta' industriji li għadhom jibdeu fil-pajjiżi sħab taż-ŻKHAK;
13. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni dwar il-Qafas Finanzjarju Multiannwali 2014-2020 li jipproponi żjieda ta' 40% fil-finanzjament għall-Politika Ewropea tal-Viċinat; jenfasizza l-fehma tiegħu li s-Sħab tal-Lvant ma jistgħux iġorru waħedhom il-piż tal-ispejjeż tal-approssimazzjoni ġuridika u r-riformi istituzzjonali u strutturali neċessarji, u li l-appoġġ finanzjarju tal-UE, li għandu jikkomplementa l-isforzi ta' riforma tagħhom stess, hu wkoll strumentali għas-suċċess; jistieden f'dan ir-rigward lill-Kunsill isostni l-finanzjament propost mill-Kummissjoni;
14. Jenfasizza r-rwol tal-parlamenti nazzjonali tas-Sħab tal-Lvant tal-UE fl-approssimazzjoni tal-leġislazzjoni dwar il-kummerċ mal-acquis tal-UE, li hu prerekwiżit għall-konklużjoni u l-implimentazzjoni xierqa taż-ŻKHAK futuri; jistieden f'dan ir-rigward lill-UE u lill-Istati Membri tagħha sabiex jipprovduhom assistenza teknika akbar u jistieden speċjalment lill-Istati l-Membri tal-UE l-ġodda jikkondividu magħhom il-kompetenza esperta u l-aħjar Prattiki li kisbu fil-proċess tagħhom stess tal-allinjament tal-leġislazzjoni nazzjonali mal-acquis communautaire relatat mal-kummerċ;
15. Jilqa' l-adeżjoni tal-Ukraina u l-Moldova mat-Trattat li jistabilixxi l-Komunità tal-Enerġija, minħabba r-rwol potenzjalment vitali tiegħu f'dawk li huma l-iżgurar tal-ilħuq tal-oġettivi tal-UE fir-rigward tas-sigurtà tal-enerġija u l-kontribut għas-sigurtà għal dawk

il-pajjiżi;

16. Jilqa' l-isforzi kollha li jsiru għat-tisħiħ tas-Sħubija tal-Lvant, speċjalment l-inizjattivi ewlenin tal-Kummissjoni dwar l-SMEs, inkluża l-faċilità għall-SMEs tas-Sħubija tal-Lvant, u dwar is-swieq tal-enerġija reġjonali u l-effiċjenza enerġetika;
17. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa aktar l-Istrateġija tal-UE dwar il-Baħar l-Iswed, minħabba li din tirrappreżenta komponent importanti tal-istrateġija tal-enerġija esterna tal-UE, minħabba r-rwol ġeostrateġiku tagħha, li joffri potenzjal sinifikanti għas-sigurtà enerġetika u għad-diversifikazzjoni tal-provvista;
18. Jagħraf l-importanza tal-Assemblea Parlamentari (AP) tal-EURONEST, partikolarment il-Kumitat tagħha għall-Integrazzjoni Ekonomika, l-Approssimazzjoni Ġuridika u l-Konverġenza mal-Politiki tal-UE kif u l-Kumitat tagħha għas-Sigurtà tal-Enerġija, fid-diskussjonijiet dwar kwestjonijiet ta' kummerċ bejn il-Membri tal-Parlament Ewropew u l-parlamentari nazzjonali tas-Sħab tal-Lvant tal-UE; jesprimi t-tama tiegħu li l-kundizzjonijiet biex il-membri tal-Parlament tal-Bjelorussja jissieħbu fl-AP tal-EURONEST jiġu ssodisfati fil-futur prevedibbli;
19. Jenfasizza li ż-ŻKHAK mhix assistenza mogħtija lis-Sħab tal-Lvant, iżda hi ftehim ta' kummerċ li jgħib vantaġġi u obbligi reċiproki għaż-żewġ partijiet; jiddispjaċih li l-analiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) għadha ma telaborax kif l-iżvilupp ta' politika tal-kummerċ bħal din jista' jippreżenta spinta għall-interessi ekonomiċi tal-UE billi jgħib benefiċċji sostanzjali lill-konsumaturi, lill-kumpaniji u lill-ħaddiema tal-UE; jenfasizza li ż-ŻKHAK ma jkunux iġibu biss benefiċċji ekonomiċi għas-Sħab tal-Lvant iżda jistgħu wkoll jaċċeleraw ir-riformi, il-modernizzazzjoni u l-iżvilupp istituzzjonali;
20. Jieħu nota li fit-18 ta' Ottubru 2011 inħolqot żona ta' kummerċ ħieles fost il-maġġoranza tal-membri tal-Komunità ta' Stati Indipendenti, li tinkludi s-Sħab tal-Lvant tal-UE bl-eċċezzjoni tal-Ġeorġja u, għalissa, tal-Azerbajġan; jemmen li l-konklużjoni ta' Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles ma' pajjiżi oħra ma għandhiex tagħmel ħsara liż-ŻKHAK li l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant jikkonkludu mal-UE, jenfasizza f'dan ir-rigward li hu importanti għall-UE li tipprova lis-Sħab tal-Lvant alternattiva attraenti u vijabbli;
21. Jinsisti li l-istrateġija tal-UE lejn ir-Russja għandha tqis kif dovut l-influwenza Russa fuq is-Sħab tal-Lvant; jinnota li r-Russja kkonkludiet unjoni doganali mal-Kazakistan u ma' wieħed mis-Sħab tal-Lvant, il-Bjelorussja; jiddispjaċih li r-Russja setgħet dgħajfet in-negożjati tal-kummerċ bejn l-UE u għadd ta' Sħab tal-Lvant, b'mod partikolari l-Ukraina, billi offritilhom rotta alternattiva, ibbażata fuq soluzzjonijiet fuq perjodu qasir, bħalma huma prezzijiet tal-gass aktar baxxi; iqis li maż-żmien dawn l-alternattivi se jkunu kontroproduttivi għas-Sħab tal-Lvant;
22. Jinsisti li s-suċċess taż-ŻKHAK se jiddependi fil-parti kbira mill-bini tal-istituzzjonijiet u mill-implimentazzjoni xierqa tal-impenji, li jistgħu jiġu żgurati biss f'ambjent ta' negożju miftuħ, trasparenti u ħieles mill-korruzzjoni, li huwa prerekwiżit għall-implimentazzjoni b'suċċess taż-ŻKHAK.
23. Jinnota li l-prosperità u l-istabbiltà fil-viċinanzi tal-Lvant tal-UE huma fl-aqwa interess tal-UE u barra minn hekk li relazzjonijiet stabbli u prevedibbli bejn l-UE u s-Sħab tal-

Lvant tagħha mingħajr dubju se jżidu l-volumi tal-kummerċ fiż-żewġ direzzjonijiet;

24. Jinnota fl-istess ħin li l-UE hija s-sieħba esportatriċi ewlenija tal-maġġoranza tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant;
25. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li, minkejja li għamli progress suffiċjenti fis-sodisfar tar-rakkomandazzjonijiet ewlenin, bħala kundizzjonijiet li jippermettu l-varar tan-negozjati taż-ŻKHAK, il-Ġeorġja u l-Moldova xorta waħda għandhom bżonn jiżguraw li l-impenn tagħhom lejn il-proċess tar-riforma hu ta' natura li tiegħu fit-tul u li jinvolve ruħhom fi proċess ta' riforma b'saħħtu matul in-negozjati kollha; jenfasizza li ż-żewġ pajjiżi xorta waħda għandhom bżonn jagħmlu progress sinifikanti fir-riforma regolatorja li tikkonċerna b'mod partikolari l-ostakoli tekniċi għall-kummerċ, il-miżuri sanitarji u fitosanitarji, id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali u l-liġi tal-kompetizzjoni;
26. Jesprimi tħassib dwar il-kapaċità istituzzjonali tas-Sħab tal-Lvant ikkonċernati fir-rigward tal-implimentazzjoni attwali ta' ŻKHAK; jenfasizza li l-konklużjoni ta' ŻKHAK fiha nnifisha ma tiggarrantix suċċess sakemm ma tkunx implimentata b'mod effikaċi u akkumpanjata minn miżuri effettivi dwar il-kompetizzjoni u kontra l-korruzzjoni;
27. Jinnota li l-istandards tax-xogħol li huma approvati internazzjonalment għandhom jiġu osservati meta jkunu qed jiġu konklużi ż-ŻKHAK; jinnota li l-osservanza tad-drittijiet fundamentali tax-xogħol approvati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol hija element ewlieni tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem;
28. Jitlob li jkun hemm approċċ ambizzjuż lejn l-integrazzjoni tal-ekonomiji tal-UE u tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant permezz taż-ŻKHAK billi jiġu inklużjoni aspetti oħra relatati mal-kummerċ ħieles u ġust; jirrakkomanda li ż-ŻKHAK kollha jinkludu kapitolu vinkolanti dwar l-iżvilupp sostenibbli, b' dispożizzjonijiet dwar il-ħarsien ambjentali u d-drittijiet tax-xogħol internazzjonali;

L-Armenja

29. Jifraħ lill-Gvern tal-Armenja talli żied l-isforzi tiegħu biex iwettaq ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin fl-2011, li wasslu għall-varar tan-negozjati taż-ŻKHAK fi Frar tal-2012;
30. Jilqa' l-varar tan-negozjati taż-ŻKHAK bejn l-Armenja u l-UE li sar fi Frar tal-2012 u l-bidu tagħhom fis-6 ta' Marzu 2012; jinkoraġġixxi lill-Armenja tuża l-potenzjal taż-ŻKHAK biex tagħti spinta lill-ekonomija tagħha, lill-opportunitajiet tal-esportazzjoni u lill-aċċess għas-suq tal-UE, biex tħaffef ir-riformi neċessarji u tgħolli b'mod ġenerali l-istandards tal-Armenja għal livell Ewropew; jenfasizza li integrazzjoni ekonomika aktar mill-qrib mal-UE trid tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-istabbiltà politika u s-sigurtà fir-reġjun; jittama li n-negozjati taż-ŻKHAK bejn l-UE u l-Armenja jiġu konklużi malajr;
31. Jilqa' l-varar tan-negozjati taż-ŻKHAK, li se jipprovdu opportunitajiet biex jissaħħu r-relazzjonijiet ekonomiċi bejn iż-żewġ naħat; iqis li huwa neċessarju li jiġu sostnuti r-riformi biex jinħoloq ambjent ekonomiku stabbli u trasparenti li se jattira investimenti barranin, jagħti spinta lit-tkabbir u joħloq l-impjiegi;

32. Jemmen li l-konklużjoni ta' ŻKHAK se tistimula l-ekonomija tal-Armenja billi, fost affarjiet oħra, tagħti spinta lill-kompetizzjoni;
33. Jiddispijaċi li l-kunflitt tan-Nagorno-Karabakh għadu jidwi fil-fruntieri magħluqa tal-Armenja mal-Azerbajġan u t-Turkija, u qiegħed iżomm lill-pajjiż ekonomikament iżolat minħabba fin-nuqqas ta' rotot ta' aċċess; jenfasizza li l-ftuħ tal-fruntieri hu, inter alia, kundizzjoni importanti sabiex jiġi attirat l-investment barrani;
34. Jinsab imħasseb dwar l-indikazzjonijiet tal-konnessjonijiet mil-qrib li għaddejjin bħalissa bejn ċrieki politiċi u tan-negozju u l-impedimenti sinifikanti għan-negozji, inklużi s-sistema tat-taxxa li mhix trasparenti u l-protezzjoni dgħajfa li tingħata lill-investment; jagħraf il-ħtieġa li jkun hemm qafas istituzzjonali b'saħħtu għall-politika tal-akkwist pubbliku u tal-kompetizzjoni bil-għan li jinkludu mekkaniżmu effettiv ta' infurzar;
35. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Armenja li tingħaqad mill-ġdid mal-Ftehimiet Plurilaterali tad-WTO dwar l-Akkwist Pubbliku f'Diċembru 2011; jinsab konvint li dan il-pass huwa ta' ġid għall-immagna tal-Armenja bħala sieħba affidabbli fil-kummerċ;
36. Jenfasizza li ż-ŻKHAK għandha tinkludi impenn qawwi min-naħa tal-Armenja li tirrifirma r-regolamenti tagħha fid-direzzjoni tal-istandards tal-UE, akkumpanjati minn miżuri effikaċi kontra l-korruzzjoni;
37. Jirrakkomanda wkoll li ż-ŻKHAK jmissha tinkludi miżuri mmirati biex isaħħu l-implimentazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni, ħalli b'hekk investituri u l-kumpaniji barranin ikunu kapaċi jipparteċipaw, b'mod partikolari, fl-industriji tal-kostruzzjoni u tal-enerġija tal-Armenja;
38. Ihegġegħ lill-Armenja taċċelera l-proċess ta' konformità mal-miżuri sanitarji u fitosanitarji tal-UE, ħaġa li tkun tippermetti diversifikazzjoni tal-esportazzjonijiet tal-Armenja sabiex jinkludu wkoll prodotti agrikoli;
39. Jemmen li d-tidgħif tad-dipendenza tal-Armenja mill-appoġġ kummerċjali Russu u mill-gvern tar-Russja bħala riżultat tal-fatt li l-Armenja tiftaħ il-fruntieri tagħha u ssaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali jippromwovi t-tkabbir ekonomiku tagħha; jemmen li l-konklużjoni ta' ŻKHAK mal-UE jkun partikolarment ta' benefiċċju f'dan ir-rigward;

L-Azerbajġan

40. Jirrikonoxxi l-isforzi u l-kisbiet tal-Azerbajġan lejn l-approssimazzjoni mal-acquis tal-UE; jilqa' f'dan ir-rigward l-adozzjoni riċenti tal-Kodiċi tad-Dwana u l-Kodiċi tal-Kostruzzjoni l-ġodda;
41. Jenfasizza li l-adeżjoni tal-Azerbajġan fid-WTO hi l-prerekwiżit ewlieni għall-ftuħ tan-negozjati taż-ŻKHAK u b'hekk ir-relazzjonijiet tal-kummerċ bejn l-UE-Azerbajġan jinġiebu għal livell ogħla; jinnota li l-istruttura tal-ekonomija tal-Azerbajġan ma tagħtix lill-gvern tagħha motivazzjoni qawwija biex ifittex sħubija fid-WTO u ŻKHAK mal-UE; jenfasizza madankollu li l-benefiċċji ta' ŻKHAK mhumiex purament ekonomiċi iżda li tista' wkoll tiżviluppa l-ekonomija lokali lil hinn mid-dipendenza żejda tagħha mill-esportazzjonijiet tal-enerġija; ihegġegħ għalhekk lill-Gvern tal-Azerbajġan iżid l-isforzi

tiegħu għal sħubija fid-WTO; f'dan ir-rigward jistieden lill-UE tipprovdi lill-Azerbajġan l-għajnuna meħtieġa;

42. Ifaħħar it-tkabbir ekonomiku notevoli esperjenzat mill-Azerbajġan fis-snin imġhodidja; jirrimarka, madankollu, li s-settur taż-żejt jipprovdi 50% tal-PDG tal-Azerbajġan, 95% tal-esportazzjonijiet tagħha u 60% tad-dħul tal-baġit tagħha, u dan jagħmel l-ekonomija tal-Azerbajġan waħda vulnerabbli għall-volatilità tal-prezzijiet taż-żejt u għall-bidliet kollha fid-domanda globali; jistieden f'dan ir-rigward lill-Gvern tal-Azerbajġan jikkunsidra li jadotta miżuri effettivi u konsistenti sabiex jiddiversifika l-ekonomija tal-pajjiż;
43. Ifakkar li l-Azerbajġan għandu potenzjal li jiżviluppa produzzjoni agrikola kompetittiva, u jirrakkomanda li l-Gvern tal-Azerbajġan iqis dan il-qasam bħala pass potenzjalment importanti lejn id-diversifikazzjoni tal-ekonomija tiegħu u tal-esportazzjonijiet tiegħu lejn l-UE, suġġett għall-konformità mar-rekwiżiti sanitarji u fitosanitarji tal-UE, u lejn pajjiżi oħra;
44. Jistieden lill-Gvern tal-Azerbajġan jinvolvi ruħu b'mod ġenwin fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-inugwaljanzi soċjali li jistgħu jwasslu għal ferment soċjali, itejjeb l-aċċess tan-negozji għall-finanzjament, u b'hekk jagħmel l-ekonomija tal-pajjiż aktar kompetittiva u attraenti għall-investment barrani;
45. Jappoġġja bil-qawwa li l-komponent tal-kummerċ tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni futur bejn l-UE u l-Azerbajġan għal ŻKHAK jiġi mtejjeb għal livell aqwa ladarba jkun għew issodisfati l-kundizzjonijiet kollha;

Il-Bjelorussja

46. Jiddispjaċih li l-Bjelorussja, minkejja l-potenzjal inkontestabbli tagħha, qed titbiegħed dejjem iżjed mill-UE f'dawk li huma l-istandards politiċi u ekonomiċi ġenerali tagħha, kif ukoll fir-rigward tal-mudell ekonomiku tagħha;
47. Jenfasizza l-importanza tal-pożizzjoni strateġika tal-Bjelorussja bħala pajjiż ta' passaġġ għall-enerġija, partikolarment il-provvisti tal-gass naturali għall-UE; jistieden lill-Bjelorussja, għalhekk, tirratifika minnufih u timplimenta kif dovut il-Karta tal-Enerġija;
48. Ifakkar li l-UE hija t-tieni l-akbar sieħba tal-kummerċ tal-Bjelorussja wara r-Russja;
49. Jenfasizza l-bżonn ta' aktar għajnuna mill-UE sabiex tittejjeb il-prestazzjoni tal-istrutturi amministrattivi, b'mod partikolari l-ħtieġa li tiġi miġġielda l-korruzzjoni;
50. Jiġbed l-attenzjoni lejn id-diffikultajiet fl-ivvalutar tas-sitwazzjoni ekonomika reali fil-Bjelorussja, minħabba fl-istatistiċi uffiċjali li, skont osservaturi indipendenti, jaħbu r-realtà li fiha allegatament 20% tal-Bjelorussi jgħixu taħt il-linja tal-faqar;
51. Jinnota li 80% tal-kumpaniji huma pubbliċi u l-iżvilupp tas-settur privat hu mxejkel minn miżuri diskriminatorji u arbitrarji, bidliet li jsiru fil-leġiżlazzjoni u taxxi iebsa, sitwazzjoni li ġġiegħel lis-settur privat jopera parzjalment fl-ekonomija li mhix uffiċjali;
52. Ifakkar li, minħabba fil-klima politika u ekonomika negattiva fil-Bjelorussja, il-Fond

Monetarju Internazzjonali u l-Bank Dinji ffriżaw il-krediti tagħhom lill-Bjelorussja fl-1996 u l-UE għamlet l-istess fl-1997; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li dan kollu iddisswada u jkompli jiddisswadi lill-investituri barranin, fejn l-investment barrani dirett issa jammonta biss għal 1% tal-PDG tal-pajjiż;

53. Jemmen li l-UE jmissha tgħin biex tissaħħaħ is-soċjetà ċivili tal-Bjelorussja billi torjenta mill-ġdid il-fondi tal-UE f'din id-direzzjoni;
54. Jinsab konvint li hemm bżonn li jitwettqu riformi istituzzjonali u strutturali profondi sabiex tibda tinbena ekonomija tas-suq li tiffunzjona, tkun trasparenti u miftuħa;
55. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-adeżjoni tal-pajjiż mad-WTO hi kundizzjoni biex jinbdew negozjati dwar kwalunkwe tip ta' ftehim ta' kummerċ ħieles mal-UE; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Bjelorussja timpenja ruħha b'mod ġenwin fil-proċess ta' adeżjoni fid-WTO; jirrimarka li l-Bjelorussja, peress li hija membru tal-Unjoni Doganali mar-Russja u l-Kazakistan, tista' tieħu mill-esperjenza tar-Russja fir-rigward tal-proċess ta' adeżjoni mad-WTO;
56. Jinsab konvint li l-UE jmissha tagħmel kull sforz biex iddaħħal lill-Bjelorussja fi djalogu politiku u ekonomiku reali u tipprovdi inċentivi għar-riformi li huma indispensabbli u ta' importanza estrema għaċ-ċittadini tal-Bjelorussi; jinnota, f'dan ir-rigward, il-miżuri ekonomiċi restrittivi b'miri speċifiċi li qed tieħu l-UE bħalissa kontra l-Bjelorussja; hu tal-fehma li l-UE jmissha tkompli għaddejja bil-miżuri restrittivi individwali tagħha b'miri speċifiċi filwaqt li tkompli tappoġġja lis-soċjetà ċivili u lill-intraprendituri bil-għan mhux biss li ttejjeb il-kundizzjonijiet ekonomiċi imma wkoll li ssaħħaħ l-istat tad-dritt, it-trasparenza u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

Il-Ġeorġja

57. Jirrimarka li, skont l-evalwazzjoni tal-Bank Dinji, il-Ġeorġja hi waħda mill-ekonomiji tad-dinja li l-aktar li qegħdin jirrifirmaw ruħhom malajr u li skont il-Bank Dinji tinsab ikklassifikata fis-16 l-aħjar post fid-dinja biex isir negozju fih;
58. Jirrikonoxxi x-xogħol ta' rikostruzzjoni tal-Ġeorġja wara l-gwerra tal-2008 u l-ftuħ tagħha ta' swieq ġodda;
59. Jirrikonoxxi l-fatt li l-Gvern tal-Ġeorġja qiegħed jipprova jtejjeb il-protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali, madankollu jirrimarka li l-Ġeorġja xorta għad għandha l-oġhla prevalenza allegata ta' softwer akkwistat bil-piraterija minn kwalunkwe pajjiż ieħor; jistieden f'dan ir-rigward lill-Gvern tal-Ġeorġja jiżviluppa liġijiet għall-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, b'kunsiderazzjoni, madankollu, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-proporzjonalità;
60. Iqis li l-Ġeorġja uriet tkabbir ekonomiku u rati ta' investment notevoli u jenfasizza li ż-ŻKHAK tkun fattur addizzjonali biex jiġi appoġġjat it-tkabbir fuq bażi wiesgħa u biex jiġu attirati l-investimenti barranin;
61. Jinkoraġġixxi lill-Ġeorġja biex tipperfezzjona l-leġislazzjoni tagħha, ittejjeb l-effiċjenza tal-istituzzjonijiet tagħha u tiżgura standards għolja ta' kontroll tal-kwalità għall-prodotti

tagħha sabiex tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea;

62. Jilqa' s-sistema tal-akkwist il-ġdida tal-Ġeorġja, li tippermetti irkanti elettroniċi għal kull tip ta' kuntratti, irrISPettivament mid-daqs jew in-natura tagħhom; jirrimarka li l-Ġeorġja jmissha wkoll isservi ta' eżempju għall-Istati Membri tal-UE f'dan il-qasam;
63. Jistieden lill-Ġeorġja tassigura li, wara l-konklużjoni tan-negozjati taż-ŻKHAK, huma biss il-prodotti li joriġinaw mir-reġjuni li jirrikonoxxu formalment l-adeżjoni tagħhom mal-istat tal-Ġeorġja li jkunu eliġibbli għall-preferenzi kummerċjali;

Il-Moldova

64. Jirrikonoxxi b'sodisfazzjon il-fatt li l-Moldova, minkejja l-fraġilità tal-ekonomija tagħha, f'dawn l-aħħar snin għaddiet minn proċess ta' riforma notevoli u tejbiet bil-kbir il-prestazzjoni ekonomika tagħha; jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza vitali tal-assistenza finanzjarja pprovduta mill-Fond Monetarju Internazzjonali u l-assistenza makrofinanzjarja pprovduta mill-UE;
65. Huwa tal-opinjoni li ż-ŻKHAK futuri jmisshom japplikaw għat-territorju kollu tal-Moldova li jirrikonoxxi formalment l-adeżjoni tiegħu mal-istat tal-Moldova;
66. Jinnota li, għalissa, il-parti l-kbira tal-esportazzjonijiet tal-Moldova joriġinaw mill-agrikoltura u għalhekk jiffaċċjaw kompetizzjoni ħarxa u rekwiżiti stretti fis-suq tal-UE; hu tal-fehma li ŻKHAK għandha tgħin fid-diversifikazzjoni tal-esportazzjonijiet tal-Moldova u tagħmel lill-pajjiż aktar kompetittiv u tkun tippermetti lill-Moldova tattira investimenti barranin sabiex ittemm id-dipendenza tagħha mir-rimessi ta' flus u tagħmel it-tranżizzjoni għal ekonomija tas-suq kompetittiva fl-esportazzjonijiet;
67. Jenfasizza kemm hu importanti li l-Moldova tkompli tiġi allinjata mal-UE fl-infrastruttura u fis-sistemi tagħha għar-regolamentazzjoni teknika, l-istandardizzazzjoni, il-valutazzjoni tal-konformità, l-ittestjar, is-sorveljanza tas-suq u l-metroloġija;
68. Jirrimarka li għad hemm bżonn li jsir progress konsiderevoli fil-qasam tas-servizzi u l-protezzjoni tal-investment;
69. Jistieden lill-awtoritajiet tal-UE jinvolvu ruħhom aktar fis-sejbien ta' soluzzjoni paċifika għall-problemi tar-reintegrazzjoni territorjali tal-Moldova;

L-Ukraina

70. Jilqa' l-konklużjoni taż-ŻKHAK bejn l-UE u l-Ukraina, bħala l-ewwel ftehim ta' kummerċ ħieles li qatt sar bejn l-UE u Sieħba tal-Lvant; jikkunsidra li dan il-ftehim li kiseb riżultati ġodda u l-esperjenza miksuba matul in-negozjar tiegħu għandhom mingħajr dubju jservu ta' eżempju utli f'negozjati ta' ŻKHAK futuri;
71. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-Ukraina hi l-akbar Sieħba tal-Lvant tal-UE u li ż-ŻKHAK tiftaħ suq ġdid ta' 46 miljun konsumatur għall-UE; jikkunsidra li għall-UE l-akbar

benefiċċji mill-implimentazzjoni taż-ŻKHAK se jiġu minn reġim ta' kummerċ u investiment aktar stabbli u prevedibbli fl-Ukraina;

72. Jilqa' l-isforzi tal-awtoritajiet tal-Ukraina biex jiffukaw fuq li jegħilbu l-inugwaljanzi soċjali u ġeografiċi, b'mod partikolari bejn il-belt kapitali u r-reġjuni;
73. Jiddispjaċih minħabba d-dewmien fl-iffirmar tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, li huwa l-kundizzjoni għad-dħul fis-seħħ taż-ŻKHAK; jesprimi t-tama li l-ostakoli għall-iffirmar ma jidmox ma jiġu megħluba;
74. Jieħu nota tal-fatt li l-Kummissjoni eskudiet il-possibilità tal-applikazzjoni proviżorja taż-ŻKHAK qabel il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-approvazzjoni tiegħu mill-Parlament Ewropew; jirrimarka li l-applikazzjoni kemm tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u kemm taż-ŻKHAK se ġgħib magħha riformi strutturali u politiċi u għalhekk jixtieq li t-tnejn li huma jiġu implimentati malajr.
75. Jirrikonoxxi l-fatt li, fir-rigward tal-integrazzjoni fi strutturi Ewropej, l-Ukraina għamlet ċertu progress u bdiet ukoll tadatta s-sistema legali tagħha għall-istandards tal-UE u għal standards internazzjonali u li għamlet ukoll progress kbir fl-adozzjoni tal-istandards u n-normi tal-OECD; jinnota madankollu li l-klima tan-negozju fl-Ukraina għadha kklassifikata bħala l-152 waħda mid-Doing Business tal-Bank Dinji, flimkien mal-fatt li l-problemi tal-kummerċ transkonfinali qed imorru għall-aġġar.
76. Jenfasizza li implimentazzjoni taż-ŻKHAK b'suċċess se tiddependi ħafna mir-rieda politika u mill-kapaċità amministrattiva li jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet kollha tagħha b'mod li jkun f'waqt u eżatt; jikkunsidra li din hija sfida serja għall-Ukraina, li għandha rekord imħallat f'dik li hi r-riforma tal-ekonomija u l-istat tagħha u li għadha tissielet biex tissodisfa l-impenji kollha tagħha skont il-proċess ta' adeżjoni fid-WTO, kif ukoll impenji fir-rigward tal-Bank Dinji u l-Fond Monetarju Internazzjonali;
77. Itenni li r-riformi ekonomiċi, politiċi u istituzzjonali fundamentali, inkluża parteċipazzjoni wiesgħa u permanenti tal-organizzazzjonijiet u n-netwerks tas-soċjetà ċivili, iridu jiġu aċċelerati u mmexxija b'mod aktar komprensiv u konsistenti, sabiex jiġu assigurati implimentazzjoni xierqa taż-ŻKHAK u l-kisbiet li ġejjin minnha; jitlob, b'mod partikolari, għal kontinwazzjoni tar-riformi ekonomiċi fl-oqsma tas-setturi tal-agrikoltura, tal-enerġija u tat-trasport;
78. Jinsab imħasseb dwar l-indikazzjonijiet negattivi rigward il-klima tan-negozju u l-investiment tal-Ukraina li tirriżulta minn diversi defiċjenzi istituzzjonali u sistemiċi bħalma huma l-ostakoli għad-dħul fis-suq, il-permessi amministrattivi, l-għadd eċċessiv ta' spezzjonijiet amministrattivi, sistemi tat-taxxa u tad-dwana li mhumiex trasparenti u amministrazzjoni ta' kwalità baxxa, is-sistema ġuridika instabbli u mhix trasparenti u l-funzjonament batut tagħha, l-amministrazzjoni pubblika u l-ġudikatura dgħajfa u korrotti, l-infurzar dgħajef ta' kuntratti u l-protezzjoni insuffiċjenti tad-drittijiet ta' proprjetà, in-nuqqas ta' żvilupp u l-monopolizzazzjoni tal-infrastruttura; ihegġegħ lill-Gvern tal-Ukraina jaċċelera l-proċess ta' riforma sabiex jelimina l-ostakoli ta' hawn fuq li qed ixekklu n-negozju u l-kummerċ ħielsa u ġusti;
79. Jistieden lill-Gvern tal-Ukraina jindirizza l-preokkupazzjonijiet tas-settur tan-negozju

b'mod aktar effikaċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-kreditu u l-art, l-ipoteka, il-kreditu preferenzjali għall-iżvilupp ta' intrapriżi agrikoli żgħar; sistema tal-ġbir tat-taxxi li tkun aktar semplifikata u aktar trasparenti, ir-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud lill-esportaturi, l-ikklerjar tad-dwana u proċeduri ta' approvazzjoni għall-importazzjonijiet, il-promozzjoni tas-settur tal-SMEs, it-titjib tal-infurzar tal-liġi fil-qasam tal-protezzjoni tal-beni materjali u tal-propjetà intellettuali; peress li dawk il-fatturi kollha għandhom impatt immedjat u dirett fuq il-kwantità u l-kwalità tar-relazzjonijiet kummerċjali mal-UE u l-influss ta' investiment dirett barrani tagħha fl-Ukraina;

80. Jistieden lill-Ukraina tadatta l-leġislazzjoni interna tagħha sabiex tiffaċilita l-passaġġ ħieles u mhux interrott tal-gass lejn l-Istati Membri tal-UE; jinnota li dan il-proċess imissu jinkludi ristrutturar tas-settur tal-gass u l-istabbiliment ta' regolamentazzjoni ġusta tal-infrastruttura tal-enerġija bil-ħsieb li l-fornituri barranin, il-klijenti barranin u d-domanda lokali għall-enerġija jitqiegħdu fuq l-istess livell ta' kundizzjonijiet; jitlob li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Ukraina fis-settur enerġetiku, li s-settur enerġetiku tal-Ukraina jiġi integrat fl-isfera enerġetika Ewropea u li jingħata bidu għal proġetti konġunti ta' modernizzazzjoni u żvilupp fl-isfera tal-infrastruttura tal-enerġija; jistieden lill-gvern jimplimenta t-tielet pakkett tal-enerġija;
81. Jesprimi t-tama tiegħu li l-Ukraina se ssib rieda politika u kuraġġ biżżejjed biex toħloq kundizzjonijiet politiċi u regolatorji għall-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha taż-ŻKHAK, ħaġa li tkun ta' benefiċċju kbir għall-popolazzjoni tagħha;
82. Jistieden lill-awtoritajiet tal-UE jagħtu aktar appoġġ għat-titjib tal-prestazzjoni tal-istrutturi amministrattivi tal-Ukraina u għall-promozzjoni tal-istandards tal-UE fil-qasam tal-governanza;

*
* *

83. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jqisu kif dovut il-kunsiderazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet t'hawn fuq fin-negożjar u l-implimentazzjoni tal-partijiet tal-kummerċ tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni mal-Armenja, l-Azerbajġan, il-Ġeorġja, il-Moldova u l-Ukraina kif ukoll fl-iżviluppar tar-relazzjonijiet ta' kummerċ tal-UE mal-Bjelorussja;
84. Jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta b'mod regolari u komplet lill-Parlament Ewropew dwar il-progress tan-negożjati u, wara d-dħul tagħha fis-seħħ, dwar il-progress fl-implimentazzjoni ta' kull ŻKHAK;
85. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lis-SEAE u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-pajjiżi li jappartienu lis-Sħubija tal-Lvant.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	30.5.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 -: 3 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	William (The Earl of) Dartmouth, Laima Liucija Andrikienė, Maria Badia i Cutchet, Daniel Caspary, María Auxiliadora Correa Zamora, Christofer Fjellner, Yannick Jadot, Metin Kazak, Franziska Keller, Vital Moreira, Niccolò Rinaldi, Helmut Scholz, Robert Sturdy, Gianluca Susta, Iuliu Winkler, Jan Zahradil, Paweł Zalewski
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Josefa Andrés Barea, George Sabin Cutaş, Silvana Koch-Mehrin, Elisabeth Köstinger, Emma McClarkin, Miloslav Ransdorf, Tokia Saïfi, Jarosław Leszek Wałęsa, Pablo Zalba Bidegain
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Zuzana Roithová